

II

(Attie mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1926**tal-11 ta' Ottubru 2022**

li japplika tnaqqis mill-kwoti tas-sajd disponibbli għal ġerti stokkijiet fl-2022 minħabba sajd eċċessiv fis-snin ta' qabel

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgur tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 105(1), (2) u (3) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kwoti tas-sajd għas-sena 2021 ġew stabiliti bir-Regolamenti tal-Kunsill (UE) 2020/1579 (²), (UE) 2021/90 (³), (UE) 2021/91 (⁴) u (UE) 2021/92 (⁵).
- (2) Il-kwoti tas-sajd għas-sena 2022 ġew stabiliti bir-Regolamenti tal-Kunsill (UE) 2021/91, (UE) 2021/1888 (⁶), (UE) 2022/109 (⁷) u (UE) 2022/110 (⁸).
- (3) Skont l-Artikolu 105(1) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, meta l-Kummissjoni tkun stabbiliet li Stat Membru jkun qabeż il-kwoti tas-sajd li kienu allokati lilu, il-Kummissjoni għandha tnaqqas il-kwoti tas-sajd futuri ta' dak l-Istat Membru.

(¹) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

(²) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1579 tad-29 ta' Ottubru 2020 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2021 għal ġerti stokkijiet tal-ħut u għal gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament (UE) 2020/123 fir-rigward ta' ġerti opportunitajiet tas-sajd f'ilmijiet oħra (ĠU L 362, 30.10.2020, p. 3).

(³) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/90 tat-28 ta' Jannar 2021 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ġerti stokkijiet tal-ħut u għal ġerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2021 (ĠU L 31, 29.1.2021, p. 1).

(⁴) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/91 tat-28 ta' Jannar 2021 li jiffissa, għas-snin 2021 u 2022, l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għal ġerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmjiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 31, 29.1.2021, p. 20).

(⁵) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/92 tat-28 ta' Jannar 2021 li jistabbilixxi għall-2021 l-opportunitajiet tas-sajd għal ġerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmjiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 31, 29.1.2021, p. 31).

(⁶) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1888 tas-27 ta' Ottubru 2021 li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2022 għal ġerti stokkijiet tal-ħut u għal gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/92 fir-rigward ta' ġerti opportunitajiet tas-sajd f'ilmijiet oħra (ĠU L 384, 29.10.2021, p. 1).

(⁷) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/109 tas-27 ta' Jannar 2022 li jistabbilixxi għall-2022 l-opportunitajiet tas-sajd għal ġerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmjiet mhux tal-Unjoni, (ĠU L 21, 31.1.2022, p. 1).

(⁸) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/110 tas-27 ta' Jannar 2022 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ġerti stokkijiet tal-ħut u għal ġerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2022 (ĠU L 21, 31.1.2022, p. 165).

- (4) L-Artikolu 105(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 jipprevedi li dan it-tnaqqis tal-kwoti tas-sajd għandu jsir fis-sena/snин ta' wara billi jiġi applikati l-fatturi rispettivi ta' multiplikazzjoni mogħtija f'dawk il-paragrafi.
- (5) Ċerti Stati Membri qabżu l-kwoti tas-sajd allokati lilhom għas-sena 2021. Għalhekk jenħtieġ li jiġi applikat tnaqqis mill-kwoti tas-sajd allokati lilhom fl-2022 u, fejn rilevanti, fis-snin ta' wara, għall-istokkijiet mistada żżejjed.
- (6) Xorta jistgħu jseħħu aktar aġġornamenti jew korrezzjonijiet wara d-detezzjoni, għall-eżerċizzju attwali jew preċedenti, ta' żbalji, omissjonijiet jew rappurtar ħażin fiċ-ċifri tal-qbid iddkkjarati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.
- (7) Billi l-kwoti jingħataw f'tunnellati, jenħtieġ li s-sajd eċċessiv ta' kwantitajiet ta' inqas minn tunnellata ma jitqiesx,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kwoti tas-sajd stabbiliti fir-Regolamenti (UE) 2021/91, (UE) 2021/1888, (UE) 2022/109 u (UE) 2022/110 għall-2022 għandhom jitnaqqsu kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Ottubru 2022.

*Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN*

ANNESS

TNAQQIS MILL-KWOTI TAS-SAJD GĦAS-SENA 2022 GĦALL-ISTOKKIJET LI ĠEW MISTADA ŻŻEJJED

Stat Membru	Kodiċi tal- ispeċi	Kodiċi taż- żona	Isem l-ispeċi	Isem taż-żona	Kwota oriġinali tal- 2021 (fkilogrammi)	Ħatt l-art permess għall- 2021 (Kwantità totali adattata fkilogrammi) (¹)	Qabdiet totali li saru fl-2021 (il-kwantità fkilogrammi)	Konsum tal- kwota mqabel mal-ħatt l-art permess (%)	Is-sajd eċċessiv meta mqabel mal-ħatt l-art permess (il-kwantità fkilogrammi)	Fattur ta' multiplikazz- joni (²)	Fattur addizzjonali ta' multiplikazz- joni (³), (⁴)	Tnaqqis pendenti mis-sena/ snin ta' qabel (⁵)(kwantità fkilogrammi)	Tnaqqis applikabbi fl-2022 (kwantità fkilogrammi)
CYP	SWO	MED	Pixxispad	Il-Baħar Mediterranean	52 230	52 230	55 703	106,65	3 473	/	C (⁶)	/	3 473
DEU	HER	4AB.	Aringa	L-ilmiċijiet tar-Renju Unit, dawk tal-Unjoni u dawk Norveġiżi ta' 4 li jinsabu fit-Tramuntana ta' 53° 30' N	33 852 000	17 152 318	18 844 967	109,87	1 692 649	/	A (⁶)	/	1 692 649
DNK	COD	03AN.	Bakkaljaw	L-Iskagerrak	1 515 000	1 556 000	1 598 949	102,76	42 949	/	C (⁶)	/	42 949
DNK	HER	4AB.	Aringa	L-ilmiċijiet tar-Renju Unit, dawk tal-Unjoni u dawk Norveġiżi ta' 4 li jinsabu fit-Tramuntana ta' 53° 30' N	49 993 000	49 711 223	51 805 988	104,21	2 094 765	/	/	/	2 094 765
ESP	COD	1/2B.	Bakkaljaw	1 u 2b	11 331 000	8 580 172	8 604 667	100,29	24 495	/	A (⁶)	/	24 495
ESP	GHL	1N2AB.	Ħalibatt ta' Greenland	L-ilmiċijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	/	6 000	43 778	729,63	37 778	1,00	A	/	56 667
ESP	HAD	1N2AB.	Merluzz tal-linja sewda	L-ilmiċijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	/	0	19 059	Mhux applikabbi	19 059	1,00	/	/	19 059
ESP	OTH	1N2AB.	Speċijiet oħrajn	L-ilmiċijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	/	0	27 571	Mhux applikabbi	27 571	1,00	A	/	41 357
EST	GHL	N3LMNO.	Ħalibatt ta' Greenland	Iż-żona 3LMNO tan-NAFO	331 000	502 500	515 085	102,50	12 585	/	/	/	12 585

FRA	RED	51214S.	Redfish	L-ilmiġiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali ta' 5; l-ilmiġiet internazzjonali taż-żoni 12 u 14	0	0	3 516	Mhux applikabbli	3 516	1,00	/	/	3 516
GRC	BFT	AE45W-M.	Tonna	L-Oċeān Atlantiku, fil-Lvant ta' 45°W, u l-Mediterran	314 030	314 030	322 640	102,74	8 610	/	C (%)	/	8 610
IRL	HER	6AS7BC.	Aringa	Iż-żoni 6aS, 7b u 7c	1 236 000	1 513 457	1 605 894	106,11	92 437	/	/	/	92 437
IRL	RJC	07D.	Raja tal-fosos	7d.	/	0	1 741	Mhux applikabbli	1 741	1,00	/	/	1 741
LTU	HER	4AB.	Aringa	L-ilmiġiet tar-Renju Unit, dawk tal-Unjoni u dawk Norveġiżi ta' 4 li jinsabu fit-Tramuntana ta' 53° 30' N	/	452 600	466 192	103,00	13 592	/	/	/	13 592
LVA	SPR	3BCD-C.	Laċċa kaħla	L-ilmiġiet tal-Unjoni tas-subdiviżjonijiet 22-32	30 845 000	28 709 205	29 084 587	101,31	375 382	/	C (%)	/	375 382
NLD	HER	4AB.	Aringa	L-ilmiġiet tar-Renju Unit, dawk tal-Unjoni u dawk Norveġiżi ta' 4 li jinsabu fit-Tramuntana ta' 53° 30' N	46 381 000	45 488 813	46 533 481	102,30	1 044 668	/	/	/	1 044 668
POL	MAC	2A34.	Kavall	L-ilmiġiet tar-Renju Unit u dawk tal-Unjoni taż-żoni 2a, 3 u 4	/	0	63 850	Mhux applikabbli	63 850	1,00	/	/	63 850
PRT	ARU	3X14-	Fonsa ħamra	L-ilmiġiet tal-Unjoni u internazzjonali 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 12 u 14	145 000	136 677	139 363	101,97	2 686	/	/	/	2 686
PRT	ANE	9/3411	Inċova	9 u 10; L-ilmiġiet tal-Unjoni ta' CECAF 34.1.1	7 829 000	8 752 733	10 863 270	124,11	2 110 537	1,40	/	/	2 954 752

PRT	ANF	8C3411.	Petriči	8c, 9 u 10; L-ilmiijiet tal-Unjoni ta' CECAF 34.1.1	584 000	648 238	657 235	101,39	8 997	/	C (⁹)	/	8 997
PRT	BFT	AE45WM	Tonna	L-Ocean Atlantiku, fil-Lvant ta' 45°W, u l-Mediterran	572 970	572 970	583 215	101,79	10 245	/	C (⁹)	/	10 245
PRT	HKE	8C3411.	Merluzz	8c, 9 u 10; L-ilmiijiet tal-Unjoni ta' CECAF 34.1.1	2 483 000	2 093 417	2 207 568	105,45	114 151	/	C (⁹)	/	114 151
SWE	HER	03 A.	Aringa	3a	9 498 000	13 085 112	13 223 209	101,06	138 097	/	/	/	138 097

(⁹) Il-kwoti disponibbli għal Stat Membru skont ir-Regolamenti rilevanti dwar l-opportunitajiet tas-sajd wara li jitqiesu l-iskambji tal-opportunitajiet tas-sajd f'konformità mal-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq il-Politika Komuni tas-Sajd u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22), it-trasferimenti tal-kwoti mill-2020 għall-2021 f'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 li jintroduċi kundizzjonijiet addizzjonali għall-ġestjoni min sena għal sena tat-TACs u l-kwoti (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3) u f'konformità mal-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jew ir-riallokazzjoni u t-tnaqqis tal-opportunitajiet tas-sajd f'konformità mal-Artikoli 37 u 105 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

(⁹) Kif stabbilit fl-Artikolu 105(2) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009. Tnaqqis ekwivalenti għas-sajd eċċessiv * 1,00 għandu japplika fil-każijiet kollha ta' sajd eċċessiv ta' 100 tunnellata jew inqas.

(⁹) Kif stabbilit fl-Artikolu 105(3) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u dejjem jekk is-sajd eċċessiv ikun jaqbeż l-10 %.

(⁹) L-ittra "A" turi li ġie applikat fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni ta' 1,5 minħabba li kien hemm sajd eċċessiv konsekuttiv fl-2019, fl-2020 u fl-2021. L-ittra "C" turi li ġie applikat fattur ta' multiplikazzjoni addizzjonali ta' 1,5 għaliex l-istokk huwa soġġett għal pjan multiannwali.

(⁹) Il-kwantitatijiet li fadal mis-sena/snin ta' qabel.

(⁹) Il-fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni mhux applikabbli billi s-sajd eċċessiv ma jaqbiżx l-10 % tal-ħatt l-art permess.